***IVA, FLIMKIEN***

Dal-pajjiż li tana ismu ta' Maltin w Għawdxin beżlin,
Hu il-frott tal-ħidma tagħna li wettaqna tul is-snin:
Illum għandna x-xogħol f'pajjiżna, xogħol ta' kwalità aħjar
U kburin illi b'ħilitna, inħabbtuha wkoll mal-kbar

***Iva flimkien kollox possibbli***
***Li nfasslu dal-pajjiż kif nixtiequh;***
***Fit-tmun par idejn sodi, li b'ħila u b'viżjoni***
***F'serħan il-moħħ u b'għaqal imexxuh:***

***Iva flimkien kollox possibbli***
***Li nwettqu dak li ngħidu tul iż-żmien;***
***'il bogħod mill-inċertezzi, minkejja d-differenzi***
***Magħquda bħall-familja lkoll flimkien.***

Li ninvestu għal uliedna ma nixbgħux ma nieqfu qatt,
Sabiex huma lkoll jirnexxu u ma jibqa' lura ħadd:
Il-familja l-għaxqa tagħna, ġawhra f'din is-socjetà
Inħarsuha u nsaħħuha mhux bil-kliem bis-serjetà

***Iva flimkien kollox possibbli***
***Li nfasslu dal-pajjiż kif nixtiequh;***
***Fit-tmun par idejn sodi, li b'ħila u b'viżjoni***
***F'serħan il-moħħ u b'għaqal imexxuh:***

***Iva flimkien kollox possibbli***
***Li nwettqu dak li ngħidu tul iż-żmien;***
***'il bogħod mill-inċertezzi, minkejja d-differenzi***
***Magħquda bħall-familja lkoll flimkien.***

Biex il-poplu jgawdi saħħtu lesti nonfqu flejjes kbar,
Ħalli ntuh dak li jixraqlu u servizz tas-saħħa aħjar:
Nibqgħu nemmnu f'dan il-poplu biex narawh f'saħħtu w kuntent,
Nagħmlu kollox b'ħafna għaqal ħalli nsalvawlu l-ambjent

***Iva flimkien kollox possibbli***
***Li nfasslu dal-pajjiż kif nixtiequh;***
***Fit-tmun par idejn sodi, li b'ħila u b'viżjoni***
***F'serħan il-moħħ u b'għaqal imexxuh:***

***Iva flimkien kollox possibbli***
***Li nwettqu dak li ngħidu tul iż-żmien;***
***'il bogħod mill-inċertezzi, minkejja d-differenzi***
***Magħquda bħall-familja lkoll flimkien.***